

CORRIGENDA 25/07/2012

ECHA/NA/12/12

L-ECHA ser tippubblika l-limitu ta' tunnellaġġ totali għal sustanzi rreġistrati

L-ECHA ħadet deċiżjoni dwar il-metodu li bih ser tikkalkula l-limitu ta' tunnellaġġ totali għal sustanzi fid-dejtabejż ta' sustanzi rreġistrati tal-ECHA. Il-limitu ta' tunnellaġġ totali għal sustanzi rreġistrati ser ikunu ppubblikati fuq il-websajt tal-ECHA matul Ġunju 2012.

Helsinki, it-18 ta' April 2012 – Id-dejta tat-tunnellaġġ ser tkun estratta mid-dossier l-iktar riċenti distribwit ta' kull reġistrazzjoni kompleta (mhux intermedja), aggregata, konvertita għal limitu ta' tunnellaġġ totali, u ppubblikata fuq id-dejtabejż ta' sustanzi rreġistrati tal-ECHA.

Il-limitu ta' tunnellaġġ totali ser ikunu ppubblikati għal preżentazzjonijiet konġunti u għal preżentazzjonijiet individwali. Id-dejta tat-tunnellaġġ mhijiex ser tkun estratta minn dossiers għal reġistrazzjonijiet intermedji taħt l-Artikoli 17 jew 18 ta' REACH. Dejta dwar it-tunnellaġġ ukoll mhijiex ser tkun estratta minn dossiers għal reġistrazzjonijiet kompleti (mhux intermedji) fejn hemm klejm ta' kunfidenzjalità fuq il-limitu ta' tunnellaġġ skont l-Artikolu 119(2)(b) REACH, sakemm id-dejta tat-tunnellaġġ ma tkunx qiegħda tiġi aggregata minn erba' reġistranti jew aktar fi preżentazzjoni konġunta. Dan hu minħabba li l-aggregazzjoni ta' tunnellaġġi ta' erba' reġistranti jew aktar ma tistax tirrivela t-tunnellaġġ individwali ta' reġistrant speċifiku u infatti tippermetti li sett ta' informazzjoni iktar komplet dwar it-tunnellaġġi jiġi ppubblikat mingħajr ma tkun kompromessa informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

Ir-reġistranti kellhom il-faċilità jitolbu l-kunfidenzjalità għal-limitu ta' tunnellaġġ tagħhom skont l-Artikolu 119(2)(b) REACH minn Ġunju 2008. Jekk ir-reġistranti m'għamlux dan iżda jixtiequ jitolbu l-kunfidenzjalità għal-limitu ta' tunnellaġġ tagħhom, għandhom jippreżentaw dossier aġġornat bi klejm ta' kunfidenzjalità fuq il-limitu ta' tunnellaġġ malajr kemm jista' jkun. Għal klejms ta' kunfidenzjalità taħt REACH għandek tkun taf li l-klejm għandha tkun ġustifikata skont il-Manwal 16 dwar il-Preżentazzjoni tad-Dejta, u tkun bi ħlas. Il-kunfidenzjalità tingħata biss meta l-klejm tkun aċċettata bħala valida mill-ECHA. Id-dejta tat-tunnellaġġ ma tkunx estratta minn dossiers fejn ikun hemm klejm ta' kunfidenzjalità fuq il-limitu ta' tunnellaġġ filwaqt li l-klejm għall-kunfidenzjalità tkun qiegħda tiġi vvalutata, sakemm id-dejta tat-tunnellaġġ ma tkunx qed tiġi aggregata minn erba' reġistranti jew aktar fi preżentazzjoni konġunta.

Jintwerew il-limitu ta' tunnellaġġ totali għal sustanzi minn dawk elenkati, fit-tabella li ġejja, fuq id-dejtabejż tal-ECHA ta' sustanzi rreġistrati :

Tipi ta' dossiers li għandhom jiġu aggregati	Ebda klejm(s) ta' kunfidenzjalità jew >4 reġistrazzjonijiet kompleti	Klejm(s) ta' kunfidenzjalità u < 4 reġistrazzjonijiet kompleti	<4 reġistrazzjonijiet kompleti u d-dossiers kollha jikkontjenu klejm ta' kunfidenzjalità
Reġistrazzjoni(jiet) kompleti (mhux intermedji)*	1 – 10 tunnellati metriċi, jew 10 – 100 tunnellata metrika, jew 100 – 1 000 tunnellata metrika, jew 1000 – 10 000 tunnellati metriċi, jew 10 000 – 100 000 tunnellata metrika, jew 100 000 – 1 000 000 tunnellata metrika, jew 1 000 000 – 10 000 000 tunnellati metriċi, jew 10 000 000 – 100 000 000 tunnellata metrika eċċ.	1+ tunnellata metrika, jew 10+ tunnellati metriċi, jew 100+ tunnellata metrika, jew 1 000+ tunnellata metrika, jew 10 000+ tunnellati metriċi, jew 100 000+ tunnellata metrika, jew 1 000 000+ tunnellata metrika, jew 10 000 000+ tunnellati metriċi eċċ.	Dejta tat-tunnellaġġ Kunfidenzjali
Reġistrazzjoni(jiet) intermedji biss	Użu ta' intermedji biss	Użu ta' intermedji biss	Dejta tat-tunnellaġġ kunfidenzjali

* F'każijiet fejn ikun hemm taħlita ta' reġistrazzjoni(jiet) kompleti u intermedji għal sustanza fi preżentazzjoni konġunta, id-dejta tat-tunnellaġġ aggregata tiġi biss mid-dossier(s) tar-reġistrazzjoni komplet(i).

Aktar informazzjoni

Dejtabejż ta' sustanzi rreġistrati:

<http://echa.europa.eu/en/web/guest/information-on-chemicals/registered-substances>

Manwal 16 dwar il-Preżentazzjoni tad-Dejta: Klejms tal-Kunfidenzjalità

<http://echa.europa.eu/support/dossier-submission-tools/reach-it/data-submission-industry-user-manuals>

Regolament dwar il-Flas

<http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2008:107:0006:0025:en:PDF>